**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 27 ta' April, 2016**

Talba Numru: 176/2015JB

Kawza Numru: 5

**Elmo Insurance Limited (C3500) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Carmine di Cicco (K.I.: 30718A) u l-istess Carmine di Cicco**

***vs***

**David Farrugia**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba li permezz tieghu l-Atturi talbu li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf, mitejn u tmienja u sittin euro u erba' u sittin centezmu (€1,268.64) liema somma tirraprezenta danni subiti nhar l-4 ta' Jannar 2014 gewwa Xatt l-Ghassara tal-Gheneb fil-Marsa fil-vettura LCN352 proprjeta tal-Attur Di Cicco u assikurata mas-Socjeta Attrici Elmo Insurance Limited li ghalihom jahti l-Konvenut. Talbu wkoll l-ispejjez;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tas-16 ta' April 2015 (a fol 11);

Ra li l-Konvenut ta ruhu b'notifikat bl-Avviz tat-Talba (*Vide* verbal a fol 16) u imbaghad ghadda sabiex jikontesta l-kawza billi nhar l-20 ta' Mejju pprezenta risposta (a fol 18) li permezz taghha eccepixxa dan li gej:

1. Illi l-Konvenut ma jahtix ghad-danni reklamati fl-Avviz;
2. Illi l-azzjoni hija infondata fil-fatt u fid-dritt;
3. Illi l-ammont reklamat huwa esagerat. Bl-ispejjez.

Sema' l-provi;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidra;

Illi permezz tal-kawza odjerna, l-Atturi qieghdin jitolbu l-hlas tas-somma ta' €1,268.64 raprezentanti danni subiti nhar l-4 ta' Jannar 2014 gewwa Xatt l-Ghassara tal-Gheneb fil-Marsa fil-vettura LCN352. Il-Konvenut jilqa' ghal din l-azzjoni billi fil-waqt li jichad ir-responsabbilita (almenu ghal kollox) jghid li l-ammont reklamat huwa esagerat.

Mill-assjem tal-provi irrizulta li l-Attur ghandu relazzjoni ma' mart il-Konvenut. Jidher li fil-jum indikat fl-Avviz, l-Attur u mart il-Konvenut kienu gejjin lura minn Sqallija flimkien ma' terzi. Kien hemm ukoll ulied il-Konvenut. Jidher li kien hemm xi dizgwid bejn il-Konvenut u martu dwar il-minuri. Jirrizulta li l-Attur ipparkja l-vettura tieghu barra d-dahla tal-moll flimkien ma' vetturi ohra, filwaqt li l-Konvenut kellu jmur jigbor lil ibnu. Kif wasal il-Konvenut jidher li dan hareg mill-vettura tieghu, u mar lejn il-vettura tal-Attur. Issa l-Attur jghid li beda jhabbat mat-tieqa tieghu u joffendih u imbaghad mar fuq in-naha tal-passiggier, fejn ghall-ewwel beda jaghti bil-ponn fuq il-hgiega waqt li jaghti bis-sieq fuq il-bieba imbaghad dahhal idejh u gibed il-hgiega tat-tieqa (a fol 53) Izid jghid l-Attur li fid-daghdigha, il-Konvenut kisser ukoll il-*wind deflectors* taz-zewg nahat li huma tal-plastik, kif ukoll il-mera tan-naha tal-passiggier. L-Attur jghid li l-vettura tieghu ma kienetx perfetta ghad li qatt ma kienx involut f'incidenti biha. Ghad li ma kellhiex hsarat, ma jistax jghid li l-vettura kienet qisha gdida. Jghid li hu intervjena u mar izomm lill-Konvenut wara li dan kien se jhebb ghal martu;

Nathalie Mercieca, li tigi mart il-Konvenut xehdet ukoll u kkonfermat il-verzjoni tal-Attur (a fol 47). Ziedet tghid li kien hemm hsara fuq il-*bumper* billi kien hemm impatt zghir bejn il-vetturi tal-kontendenti. Sinifikattiv li l-Attur jghid li ma jahsibx li kien hemm impatt. Mercieca tghid ukoll li l-Attur nizel mill-karozza u habat ghall-Konvenut wara li dan ittenta jattakka lilha.

Il-Konvenut min-naha tieghu meta xehed (a fol 58) qal li hu wasal fuq il-post u qasam it-triq u mar lejn il-vettura tal-Attur sabiex jigbor lil ibnu peress li meta paqpaq, dan ma xirifx. Jghid li l-vettura tal-Attur hija gholja. Hu beda jhabbat mal-vettura izda ma kkalkulawhx. Jghid li l-Attur hareg ghalih mill-karozza u qabdu minn ghonqu u hu ggranfa mal-hgiega. Jghid li garrab xi griehi.

Rinfaccjat b'dawn il-verzjonijiet kuntrastanti, u fin-nuqqas ta' xhieda tal-fatt indipendenti, it-Tribunal irid jirreferi ghall-okkorrenza redatta mill-Pulizija u ghax-xhieda tal-istess Pulizija, senjatament is-Surgent 1330 Alexander Schembri. Dan xehed (a fol 32) li meta mar fuq il-post, l-incident kien ghadda izda kkonstata hsarat fuq il-vettura tal-Attur fuq in-naha tax-xellug, il-*bumper* ta' quddiem u l-hgiega tal-passiggier. Issa mill-okkorrenza jirrizulta li meta z-zewg partijiet tkellmu mal-Pulizija, stqarrew x'gara. Minn dak li stqarrew lill-Pulizija, il-partijiet donnhom qeghdin jaqblu li l-kommozzjoni sehhet fejn il-vettura tal-Attur fuq in-naha tal-passiggier. Bir-rispett kollu, kieku kien minnu li gara xi haga fuq in-naha tal-Attur, dan il-fatt kien jinghad lill-Pulizija *a tempo vergine*. L-istess jghodd ghall-mera li ma tissemmiex fl-okkorrenza.

Ikkunsidra;

Illi quddiem dan, it-Tribunal jista' biss jasal ghall-konkluzjoni li l-Konvenut hareg mill-vettura tieghu u mar lejn in-naha tal-passiggier fejn inqalghet kommozzjoni u kisser hgiega.

Naturalment, fil-kommozzjoni setghu graw hsarat ohrajn. Indipendentement mill-fatt jekk l-Attur intervjenix qabel jew wara l-Konvenut kisser il-hgiega tan-naha tal-passiggier, il-punt jibqa' li l-Konvenut ikkaguna xi danni meta mar hdejn il-vettura tal-Attur, li ghalihom ghandu jaghmel tajjeb. Ghalhekk, l-ewwel u t-tieni eccezzjoni se jigu michuda. Madankollu, fil-fehma tat-Tribunal, tali dizgwid seta' jigi evitat bi ftit logika, hsieb u sensittivita da parti ta' dawk involuti, mhux l-anqas tal-Attur.

Illi fic-cirkostanzi, u fid-dawl tan-nuqqas ta' provi sufficjenti li jistghu iwasslu sabiex it-Tribunal jiddeciedi b'ezattezza sal-icken centezmu dil-vertenza, it-Tribunal fil-waqt li jqis il-fattura li giet prezentata (a fol 9) sejjer jiskarta l-hsarat li jirrigwardaw in-naha tax-xufier tal-vettura tal-Attur u fejn jirrigwarda l-manodopera sejjer jirriduci l-ammont reklamat bin-nofs, anke fid-dawl tar-rapport tal-Pulizija mehud *a tempo vergine*.

Illi tenut kont ta' dan kollu, it-Tribunal iqis li s-somma ta' seba' mitt euro (€700) tkopri d-danni li jirrigwardaw in-naha tal-passiggier u sejjer, prevja li jilqa' t-tielet eccezzjoni tieghu, jikkundanna lill-Konvenut ihallas dan l-ammont lill-Atturi. It-Tribunal iqis li b'hekk ikun qieghed jirrisolvi din il-kwistjoni anke ggwidat mill-ekwita li hija l-bazi li fuqha hu msejjes l-operat ta' dan it-Tribunal.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi fil-waqt li jichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati mill-Konvenut, jilqa' t-tielet eccezzjoni tieghu u konsegwentement jilqa' t-talba Attrici limitatament ghas-somma ta' €700. In vista tac-cirkostanzi tal-kaz kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Alan K. Zerafa
*Deputat Reġistratur*